MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 268/2007

**Charles Grech & Co. Ltd (C 2473)**

**Vs**

**Charles Galea (I.D. 808660 M) f`ismu proprio u ghan-nom ta` Argo Enterprises Limited (C 17509)**

Il-Qorti:

Wara li rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tal-konvenut pro et nomine ghal-hlas ta` Lm2,622.05 liema somma jirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta` merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` Argo Enterprises Limited, kif jirrizulta mill-fattura ma` l-avviz annessa bhala Dok. A, u liema dejn il-konvenut assumieh personalment permezz ta` l-iskrittura hawn esebita bhala Dok. B.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru li qed jigi ntavolat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta` kull konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut proprio et nomine li jibqa` minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi ma` l-istess rikors a fol. 2 sa fol. 6 tal-atti u mmarkati Dok. A u Dok. B.

Wara li rat in-nota ta` mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex il-konvenut pro et nomine jwiegeb ghalihom bil-gurament, b`hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Artikoli 698 u 702 (3) (b) tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut pro et nomine naqas u ma deherx fl-10 ta` Ottubru, 2007 meta gew pprezentati l-Kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa` t-talba rikorrenti u tikkundanna solidalment lill-konvenut pro et nomine sabiex jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` Lm2,622.05, bl-imghaxijiet "a scaletta" mid-data ta` kull konsenja skond l-anness dokument mmarkat Dok. A sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru tal-24 ta` Awissu, 2007 imsemmi fl-istess rikors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------